MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 191/2011

**Kwik Mix Limited**

**vs**

**Tal-Herba Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-24 ta’ Frar 2011 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-Fatti

Illi s-socjeta intimata hija debitrici tal-esponenti fis-somma ta' seba mija u tmienja u hamsin elf sitt mija u hdax-il ewro u tnax-il centezmu (€758,611.12), liema ammont jirraprezenta bilanc ta' prezz ta' materjal u prodotti provduti mis-socjeta esponenti u kkonsenjati lis-socjeta rikorrenti fuq inkarigu tas-socjeta intimata kif ukoll prezz ta' servizzi rezi lis-istess socjeta

intimata mis-socjeta esponenti fuq inkarigu taghha u dana skond ma jirrizulta mill-istatement tal-kont mizmum mas-socjeta esponenti, liema statement qed jigi hawn anness u markat Dokument "A";

Illi s-socjeta intimata giet interpellata diversi drabi biex thallas is-somma imsemmija u dana permezz ta' ittra legali datata 15 ta' Settembru 2010 (Dokument "B") kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali pprezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili (Dokument "C") izda baqghet inadempjenti;

Illi jikkonkorru l-elernenti kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh u dana peress Ii d-dejn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-esponenti, is-socjeta konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi fil-ligi x'taghti kontra t-talba tal-hlas tal-imsemmi ammont;

IIIi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbiet

Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponenti titlob Iil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja d-dispensa mis-smiegh a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:-

Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lill-esponenti s-somma ta' seba mija u tmienja u hamsin elf sitt mija u hdax-il ewro u tnax-il centezmu (€758,611.12) bilanc ta' prezz ta' materjal u prodotti provduti mis-socjeta esponenti u kkonsenjati lis-socjeta rikorrenti fuq inkarigu tas-socjeta intimata kif ukoll prezz ta' servizzi rezi lill-istess socjeta intimata mis-socjeta esponenti fuq inkarigu taghha kif fuq inghad.

BI-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 167/2011 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta intimata Ii hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi in via preliminari, I-azzjoni tas-socjeta rikorrenti fil-konfront tas-socjeta intimata hija preskritta u dan ai termini taI-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta esponenti u s-socjeta rikorrenti stante illi kwalunkwe negozju illi sehh u li tieghu qed jigi pretiz il-hlas, sar bejn is-socjeta rikorrenti u socjeta terza u cioe Tal-Herba Construction Limited C14183 u dan kif ukoll indikat b'riferenza ghal numru tal-VAT indikat fuq il-fatturi kollha mahruga mis-socjeta rikorrenti, liema numru jikkorrispondi ghas-socjeta Tal-Herba Construction Limited u mhux ghas-socjeta intimata (Kopji tal-fatturi qed jigu annessi u mmarkati Dok. A);

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi ammont illi seta' kien dovut lis-socjeta rikorrenti, kien saldat u dan bl-accettazzjoni tal-istess socjeta rikorrenti ta' drittijiet naxxenti minn konvenju iffirmat bejn is-socjeta rikorrenti u s-socjeta JPM Brothers Limited rapprezentata, fl-atti tan-Nutar Mangion nhar il-10 ta' Jannar 2008. Ai termini tal-istess konvenju is-socjeta rikorrenti accettat it-trasferiment ta' tmien appartamenti gewwa il-kumpless maghruf bhala "Galaxy Complex", tas-Sliema, kif deskritti fl-istess konvenju, ghas-saldu. Ai termini tal-imsemm

i konvenju senjatement l-Artikolu L, l-istess socjeta rikorrenti tammetti inter alia, hlas ta' Euro1,001,630.56 permezz ta' materjal supplit mill-istess socjeta rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta attrici qed titlob lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' €758,611.12 bilanc ta' prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni mixtri u konsenjat lis-socjeta konvenuta. Gie esebit in sostenn prospett ta' fatturi (Dok. A) li jirrisalu minn Novembru 2006 sa Awwissu 2009.

Ma jidhirx illi s-socjeta konvenuta qed tikkontesta l-ammont per se tant li fil-kontroezami li sar lid-direttur u azzjonista maggoritarju tas-socjeta konvenuta Anthony Spiteri, hu jghid illi l-

materjal ittiehed u mhux jikkontesta l-ammont. Pero l-istess Anthony Spiteri qed jilqa' ghat-talba attrici b'zewg eccezzjonijiet ta' natura legali li minnhom infushom jistghu jgibu fix-xejn il-pretensjonijiet attrici fil-konfront tas-socjeta Tal-Herba Company Limited.

Dawn l-eccezzjonijiet ser jigu trattat wahda wahda.

**Eccezzjoni tal-preskrizzjoni**

Is-socjeta konvenuta qed tecepixxi l-preskrizzjoni bhala l-ewwel ecezzjoni taghha. Din il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni mhix sostenibbi meta tqis it-tielet eccezzjoni tal-istess socjeta. Fit-tielet eccezzjoni s-socjeta konvenuta qed tissottometti illi l-ammont li seta' kien dovut gie saldat. Hi qed tallega hlas liema forma ta' hlas, cioe rikonoxximent tad-debitu u l-estinzjoni tieghu hi assolutament mhix kompatibbli ma' eccezzjoni ta' preskrizzjoni. Ara f'dan is-sens **Gialanze Attard vs Emanuel Rizzo et**, App Inf 29/01/1998 li kienet titratta l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u eccezzjoni li l-ammont mitlub kien esagerat.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni tal-legittimu kontradittur**

Anthony Spiteri jallega illi n-negozju li hu ghamel mas-socjeta attrici ghal xiri ta' materjal ta' kostruzzjoni sar mis-socjeta Tal-Herba Construction Limited u mhux min tal-Herba Limited li skond hu ma tezistix izda tezisti Tal-Herba Company Limited. Hu jixhed illi hu maghruf bhala Tal-Herba izda ghandu diversi kumpaniji li jgibu dan l-isem qabel id-deskrizzjoni ulterjuri ta' kull wahda. Hu semma fl-affidavit li hu direttur u irrizulta li hu wkoll azzjonista maggoritarju u jmexxi l-kumpaniji. Il-kumpaniji jisimhom Tal-Herba Company Limited, Tal-Herba Construction Limited, Tal-Herba Developments Limited, Tal-Herba Group Limited, Tal-Herba Properties Limited, Three Hills Development Limited. Hu jzid illi beda bil-kumpanija Tal-Herba Company Limited pero ghal habta tal-1992 fetah il-kumpanija Tal-Herba Construction Limited specifikament ghal progetti ta' kostruzzjoni u xiri ta' materjal ta' kostruzzjoni. Hu jiddikjara illi hu indika lil kumpanija attrici l-isem tal-kumpanija li qed jahdem biha u tahom

ukoll il-VAT number li fil-fatturi juru li hu tas-socjeta Tal-Herba Construction Limited. Hu gab prova illi anki VAT refunds ha fuq Tal-Herba Construction Limited in konnessjoni max-xiri maghmul.

Kontra din ix-xiehda d-direttur tas-socjeta attrici Joseph Cassar qal li hu ghamel in-negozju ma’ Anthony Spiteri personalment maghruf bhala Tal-Herba. Hu ma ha ebda dettalji ghal ftuh tal-kont izda ha hsiebhom ibnu Glenn Cassar jew l-iskrivan tieghu. Zied li jaf lil Anthony Spiteri b’Tal-Herba Limited pero jaf li ghandu diversi kumpaniji.

Ibnu Glenn Cassar jixhed li kien jiehu hsieb l-accounts u kien gie Anthony Spiteri li tah id-dettalji dwar il-ftuh tal-kont. Tah l-isem bhala Tal-Herba Limited, b’indirizz u VAT number. Il-hlas kien isir b’diversi modi, daqqa cheques personali, ohrajn ta’ terzi iffirmati u anki permezz ta’ credit notes. Kienu jinhargu l-fatturi u qatt ma sar xi kumment dwarhom.

Il-Qorti tqis illi mill-atti jirrizulta illi ghal finijiet ta’ negozju l-konvenut Anthony Spiteri qua direttur u azzjonista maggoritarju ta’ diversi kumpanji bl-isem li jibda Tal-Herba, kien fil-fatt, ghal finijiet ta’ kontabilita u taxxa jdahhal in-negozju maghmul mas-socjeta attrici, fi hdan il-kumpanija tieghu Tal-Herba Construction Limited. Dan jirrizulta mill-VAT number fil-fatturi u x-xiehda ta’ dak li kien jiehu hsieb il-lat finanzjarju ta’ Anthony Sptieri bhala management consultant cioe Charles Attard. Dan fil-fatt xehed li Anthony Spiteri kien imexxi l-kumpaniji kollha tal-grupp u illi ghal habta tal-2003 (jidher li d-data hi zbaljata ghax il-kumpanija Tal-Herba Construction saret fil-1992 skond Anthony Spiteri) issegregaw il-kumpanija Tal-Herba Company Limited u twaqqfet Tal-Herba Construction Limited biex ghal finijiet ta’ VAT refund ikun hemm kumpanija apposta ghal skop ta’ kostruzzjoni. Zied li kien konsapevoli li l-fatturi ma kienux cari ghal liema kumpanji kienu qed jirreferu pero ha ruling verbali mid-dipartiment tat-taxxi li l-fatturi jistghu jigu accettati ghal finijiet tal-VAT minhabba n-numru tal-VAT li jien jakkumpanjahom.

Il-Qorti tqis illi x-xiehda ta’ Anthony Spiteri u Joseph Cassar dwar kif giet individwata l-entita li maghha kien qed isir in-negozju mis-socjeta attrici, ma hjix konkordi, anzi hi direttament konfliggjenti wahda mal-ohra.

Hu minnu bhala principju regolatur dwar ir-relazzjoni guridika bejn il-kontraenti illi wiehed jifhem tali principju bhala dak l-att jew atti li jimmiraw ghal produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu ta' drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar. Dawn l-atti huma ravvizibbli minn manifestazzjoni ta' volonta jew dik l-imgieba li in bazi ghac-cirkostanzi li fih tavvera fit-traffiku guridiku tnissel fid-destinatarju t-tifsira li l-parti trid tipproduci l-konsegwenzi guridici predetti (ara **Anthony Cauchi et vs Joseph Spiteri et**, App Inf 09/07/2008).

Il-Qorti tqis illi n-negozju fil-qafas purament uman kien qed isir bejn Joseph Cassar li kien qed jirraprezenta lil kumpanija attrici u Anthony Spiteri li kien jirraprezenta diversi kumpaniji kwazi kollha jibdew bl-istess zewg kelmiet cioe Tal-Herba. Hu minnu, u fuq dan il-partijiet jaqblu, illi l-VAT number moghti min Anthony Spiteri kien dak li jirrigwarda Tal-Herba Construction Limited, pero tali numru tal-VAT lanqas seta' jigi verifikat mis-socjeta attrici lanqas jekk riedet taghmel dan biex tivverifika kienx validu jew falz jew ghal liema entita jirreferi billi x-xhud tal-VAT Connie Azzopardi stqarret illi terz ma ghandux jedd ghal informazzjoni ta' VAT number ta' haddiehor ghax hemm element ta' kunfidenzjalita. Pero l-Qorti tistaqsi xi bzonn seta' kellha s-socjeta attrici tinvestiga l-appartenenza tan-numru tal-VAT meta dan gie moghti mill-istess klijent. Ghalkemm l-indirizz seta' gie verifikat facilment kif moghti mill-istess Anthony Spiteri, pero dan ma kienx ser ikun ta' ebda konfort ghas-socjeta attrici billi l-kumpaniji kollha ta' Anthony Sptieri huma registrati fl-istess indirizz.

Dan jerga' jiehu lura l-problema ghal bidu taghha cioe jekk is-socjeta attrici naqsitx meta harrket lis-socjeta tal-Herba Limited, sussegwentement fil-mori tal-kawza korrett ghal Tal-Herba Company Limited, liema korrezzjoni hi ammissibbli ghax il-kelma Company ma tbiddel xejn mill-fatt legali li l-istess socjeta hi wahda b'responsabilta limitata u tirreferi b'mod car ghal kumpanija Tal-Herba Company Limited bin-numru ta' registrazzjoni kkwotat mal-istess socjeta wara verifika li saret qabel inbdiet il-kawza ghax hekk tirrikjedi l-ligi tal-procedura ghal formalita tal-prezentata tal-atti.

Hu principju iehor daqstant assodat illi kull persuna fin-negozju li taghmel ma' terzi ghalkemm ghandha tfittex l-interessi kummercjali taghha izda ghandha dejjem tagixxi bi buona fede b'mod li ma tingannax jew ma tapproffitax ruhha minn cirkostanzi li tkun gabithom b'idejha stess minghajr il-htija jew in-nuqqas ta' persuna li tkun innegozjat maghha.

Il-Qorti hi tal-fehma illi s-socjeta konvenuta qed tipprova tavvali ruhha minn kavill procedurali legali biex tehles milli jigi indagat l-mertu veru tal-azzjoni. Is-socjeta konvenuta qed tibbaza fuq il-fatt illi s-socjeta attrici kienet ben konxja ma' min qed tinnegozja cioe Tal-Herba Construction Limited pero agixxiet kontra kumpanija zbaljata ghalkemm kontrollata mill-istess persuna.

Il-Qrati dejjem irritenew illi meta persuna qed tinnegozzja f'isem persuna guridika indipendenti minnha, il-persuna ghandha tindika dan b'mod car u inekwivoku. F'dan ir-rigward tigi kkwotata s-sentenza **Carmel Brand Limited vs Michael Debono** (PA 21/03/2002) fejn il-Qorti qalet hekk:

> Illi din il-Qorti temmen li meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.

Fil-kawza **Charles 0'Flaherty noe vs Joseph Micallef** (Kumm 24/06/1987) il-Qorti qalet:

> Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirrizultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta attrici li l-hlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta kummercjali.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** (Kumm 27/04/1992, intqal:

> Illi hija haga mill-Iewn id-dinja li normalment bniedem jikkontrotta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevalment jaf li jkun qieghed jikkontrotta fisem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk fisem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni ... il-Qorti ssaqsi:- Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjeta attrici (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-socjeta attrici biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjeta tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?

Inoltre fil-kawza **Charles Mizzi et noe vs Teddie sive Edward Borg** deciza fl-10 ta' Mejju 1990, il-Qorti qalet illi:

> La darba rrizulta li l-ordni saret mill-konvenut sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma ghamilhiex f'ismu personalment izda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel.

L-istess jinghad fis-sentenza **Joseph Stellini noe vs Emmanuel Cassar** (App 02/04/1993, intqal illi:

> din il-Qorti ma tistax proprju tifhem kif il-konvenut jista' jippretendi li n-negozju bejnu u l-attur seta' ta' lok ghal xi dubju ma' min qieghed jinnegozja l-attur; u dan l-element fil-kummerc huwa intimament konness ma' l-isem tal-kontroent.

Ghalkemm dawn id-decizjonijiet jirrigwardaw in-nuqqas ta' persuna fizika li jindika b'mod car u inikwivoku li qed jagixxi f'isem persuna legali, japplika bl-istess mod ghal kull sitwazzjoni fejn persuna qed tiddikjara li qed tagixxi f'isem terz specifiku. Ghalkemm Anthony Spiteri jishaq illi hu indika b'mod car li kien qed jagixxi ghal Tal-Herba Construction Limited, pero l-fatti juru illi l-istess Anthony Spiteri ma ghamel ebda lment, osservazzjoni jew rattifika dwar l-indikazzjoni tal-akkwirent tal-materjal tal-bini tul it-tlett snin ta' fatturi li kienu qed jinhargu meta jigi ordnat il-materjal. Il-maggoranza assoluta tal-fatturi jekk mhux kollha jindikaw lil Tal-Herba Limited. Il-kelma 'Construction' ma tidhirx. Jinghad illi anki ricevuti tal-VAT inhargu mis-socjeta attrici f'isem Tal-Herba Limited (ara fol. 99) tal-process. A fol. 100 hemm addirittura audit note favur is-socjeta attrici maghruga b'ricevuta favur Tal-Herba Limited. Saret skrittura fl-20 ta' Dicembru 2007 (fol. 140 tal-process) ta' assenjazzjoni u tpacija fejn Anthony Spiteri deher ghan-nom ta' Tal-Herba Limited fil-konfront tas-socjeta attrici. L-istess jinghad ghall-ittra ta' trasferiment ta' kreditu b'ittra datata 23 ta' Ottubru 2007 lis-socjeta attrici fejn is-socjeta debitrici fil-konfront tas-socjeta attrici giet indikata bhala Tal-Herba Limited. Nonostante dan, Anthony Spiteri qatt ma gibed l-attenzjoni tas-socjeta attrici li kienet qed tinnegozja ma' Tal-Herba Construction Limited. In-numru tal-VAT, kif gia inghad ma setax iwassal lis-socjeta attrici tiskopri dan wahedha. Anki l-management consultant ta' Anthony Sptieri, cioe Charles Attard ighid li d-dikrepanza fl-isem kienet cara tant li hu talab parir tal-VAT department kienux validi l-fatturi kif mibghuta pero xorta s-socjeta attrici ma giet infurmata b'xejn. Anthony Sptieri kien jaf li hu debitur tas-socjeta attrici pero qatt ma avza lis-socjeta attrici illi hu kien qed jagixxi f'isem il-kumpanija Tal-Herba Construction Limited u

mhux semplicement bhala Tal-Herba cioe f'ismu personali jew Tal-Herba Limited li kien car mill-fatturi li qed talludi ghall-ewwel kumpanija iffurmata minnu.

Tali stat ta' fatt ipperdura anki meta intbaghtet ittra legali lis-socjeta konvenuta fil-15 ta' Settembru 2010 (fol. 29 tal-process) li Anthony Spiteri jammetti li rceva fl-affidavit tieghu u ma rrispondihiex kif lanqas irrisponda jew oppona wara l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra l-istess socjeta. Anthony Spiteri anzi jghid li l-kumpanija ma kinitx topera u ghalhekk ma ghamel xejn dwar il-mandat ghax ebda hsara ma giet arrekata.

Dan l-agir ta' Anthony Spiteri jwassal lil Qorti ghal konkluzzjoni illi hu kien accetta implicitament ir-relazzjoni ta' Tal-Herba Limited bhala s-socjeta li f'ghajnejn is-socjeta attrici kienet il-kontroparti fin-negozju. Tkun ingustizzja manifesta jekk din il-Qorti tippermetti lil Anthony Spiteri li juza l-gestjoni tal-amministrazzjoni interna tas-socjetajiet tieghu li bihom kien konsapevoli hu biss u fl-ebda hin ma ssenjala xi nuqqas mas-socjeta attrici, biex jahrab milli jirrispondi ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta li hu ippermetta li tintuza bhala l-kontroparti fin-negozju mas-socjeta attrici. Tali agir imur kontra l-buona fede u l-irgulija mitluba fl-operazzjonijiet kummercjali bejn negozjanti.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta li mhix il-legittimu kontradittur ma ghandhiex tintlaqa'

**Eccezzjoni tal-assenjazzjoni tal-kreditu dovut jew novazzjoni**

Is-socjeta konvenuta qed tallega wkoll illi Anthony Spiteri f'isem Tal-Herba Construction Limited kellu kreditu fil-konfront ta' JPM Brothers Limited u bi ftehim mas-socjeta attrici ittrasferixxa parti mill-kreditu li kellu lis-socjeta attrici in sodisfazzjon tal-kreditu dovut lis-socjeta attrici. Dak li qed tallega s-socjeta konvenuta ghalhekk jista' jfisser is-sostituzzjoni tad-debitur ma' debitur iehor fil-konfront tas-socjeta attrici, cioe l-assenjazzjoni jew cessjoni ta' parti mill-kreditu li kellha Tal-Herba Construction Limited fil-konfront ta' JPM Brothers Limited lis-socjeta attrici in sodisfazzjon tal-kreditu li kellha s-socjeta attrici mas-socjeta konvenuta. Il-prova ta' dan skond is-socjeta konvenuta tistrieh fuq konvenju ta' bejgh ta'

tmien appartamenti min JPM Brothers Limited lis-socjeta attrici datat 10 ta' Jannar 2008 riportat a fol. 43 tal-process.

Din il-Qorti tqis li tali konvenju ma jissodisfax id-dettami rigidi tal-ligi dwar cessjoni ta' kreditu. Fl-ewwel lok f'dan il-konvenju ma ippartecipatx bl-ebda mod is-socjeta Tal-Herba Company Limited jew tal-Herba Construction Limited. Fit-tieni lok ma hemm ebda skrittura bejn ebda parti msemmija jew il-kontendenti li turi c-cessjoni kif irid ad validitatem l-artikolu 1470 tal-Kap. 16 (ara f'dan is-sens **Vincent Azzopardi vs Middle Sea Insurance Company Limited**, App 07/07/2006 u **Emanuela Schembri vs Marco Aroyo**, PA 16/12/1949). Lanqas jista' jinghad li l-konvenju per se jikkostitwixxi xi forma ta' novazzjoni tal-obbligazzjoni. Skond l-artikolu 1179(b) tal-Kap. 16 novazzjoni issehh, fost cirkostanzi ohra ”meta debitur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur”. Issa skond l-artikolu 1180(2) novazzjoni, pero, ”mhix prezunta, l-intenzjoni li issir ghandha tidher bic-car”, u in oltre m'hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula. In oltre kif jinghad fl-artikolu 1183 tal-Kap. 16 ”id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ggibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni.”

Il-Qorti tista' tissoferma ruhha hawn fuq din l-eccezzjoni pero ghal kompletezza izzid li gej skond li jirrizulta mill-provi li jnaffar l-eccezzjoni kif maghmula.

Anthony Spiteri jixhed illi hu kien cempillu n-Nutar Mangion biex jinfurmah li parti mill-kreditu dovut lil Tal-Herba Construction min JPM Brothes Limited kien ser ighaddi ghand is-socjeta attrici u hu ta l-kunsens tieghu fuq it-telephone. Skond Anthony Spiteri f'dan il-konvenju s-socjeta konvenuta ezonerat ruhha minn kull obligu ta' debitu li kellha fil-konfront tas-socjeta attrici.

Kif gia intqal dan il-konvenju ma hux prova cara u univoka ta' assenjazzjoni jew novazzjoni kif trid il-ligi. Bhala fatt ukoll din il-Qorti tqis li l-arrangament li seta' gie milhuq bejn il-partijiet li kkulmina fil-konvenju msemmi ma hu xejn hlief wahda minn dawk in-negozji neboluzi u alla buona bejn kummercjanti biex isiru hlasijiet possibilment bla hlas ta' taxxi tad-dokumenti. Hi l-fehma tal-Qorti illi jirrizulta illi s-socjeta Tal-Herba Construction kellha kreditu kbir favur

taghha dovut mis-socjeta JPM Brothers Limited ghal bini ta’ blokka kbira appartamenti f’tas-Sliema, liema blokka kienet qed tinbena in parte b’materjal mixtri mis-socjeta konvenuta minghand is-socjeta attrici. Jidher li fiz-zmien tal-konvenju s-socjeta attrici kellha kreditu kbir dovut minghand is-socjeta konvenuta ghal materjal supplit. Il-partijiet ma jaqblux kif sar id-diskors pero r-rizultat jew il-ftehim raggunt kien illi wahda mis-socjetajiet ta’ Anthony Spiteri cioe Tal-Herba Construction kienet ser tithallas in parte minghand is-socjeta JPM Brothers Limited b’numru ta’ appartamenti u illi l-kreditu dovut lis-socjeta attrici seta’ jithallas b’uhud minn dawn l-appartamenti. Skond id-direttur tas-socjeta attrici fil-fatt il-ftehim ma kienx li jithallas il-kreditu dovut bl-appartamenti izda li jinghata f’idejh numru ta’ appartamenti biex ibieghhom f’isem is-socjeta JPM Brothers Limited u la darba li jinbieghu r-rikavat minnhom imur ghal hlas dovut lis-socjeta attrici minghand is-socjeta kovenuta.

Kien x’kien il-ftehim raggunt, dan ma jikkostitwix la cessjoni jew assenjazzjoni tad-debitu skond il-ligi u anqas novazzjoni tal-obbligazzjoni u s-socjeta konvenuta ma tistax tecepixxi li hi issa ma ghadhiex debitrici tas-socjeta attrici. L-aktar li jista jinghad fic-cirkostanzi hu illi r-rikavat mill-bejgh li sar ta’ xi appartamenti thallas min terz (JPM Brothers Limited) ghan-nom tad-debitur (is-socjeta konvenuta) flok ma thallas il-kreditur taghha Tal-Herba Construction Limited. Tant hu hekk illi l-konvenju skada u lahqu inbieghu biss xi zewg appartamenti mit-tmienja imsemmija fil-konvenju u r-rikavat intuza biex jitnaqqas il-bilanc dovut lis-socjeta attrici. Hu verosimili ghalhekk li ladarba l-konvenju skada u s-socjeta attrici qatt ma saret proprjetarja, kull bejgh li sar, sar min JPM Brothers Limited u mhux mis-socjeta attrici, li kien ikun il-kaz kieku saret assenjazzjoni ta’ kreditu jew novazzjoni kif imiss. Pero l-kwistjoni tibqa’ illi dan il-konvenju hu fil-fatt inter alios acta r-relazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti billi huma ma iddikjarawx bil-miktub li qed issir xi assenjazzjoni tad-debitu jew novazzjoni u b’hekk inbidel id-debitur ma’ iehor jew debitu ma’ iehor. Il-Qorti izzid, billi ma hemmx kontradizzjoni ghal dan, illi l-istess direttur tas-socjeta attrici jixhed illi l-istess Anthony Spiteri dawwar wiehed mill-appartamenti soggetti ghal konvenju minghajr il-kunsens tieghu.

Hu fl-opinjoni tal-Qorti irrelevanti illi l-ahwa Montebello in rapprezentanza ta’ JPM Brothers kienu jafu li l-iskop tal-konvenju kien li jithallas dejn dovut bejn il-kontendenti peress illi dan bl-ebda mod ma jista’ jissostitwixxi in necessita legali li ssir assenjazzjoni jew novazzjoni kif trid il-ligi. Lanqas ma jghin lis-socjeta konvenuta li tissottometti illi Tal-Herba Construction ma harkitx lil JPM Brothers ghal kreditu dovut fuq l-appartamenti soggetti ghal konvenju li skada peress li s-socjeta Tal-Herba Construction mhix parti f’din il-kawza u s-socjeta Tal-Herba Company Limited ma ghandha ebda konnessjoni ma’ tali konvenju.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi anki din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

**Mertu**

Kif inghad ma hemm ebda eccezzjoni li l-ammont reklamat mhux dovut u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tichad ukoll l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba mija u tmienja u hamsin elf sitt mija u hdax-il ewro u tnax-il centezmu (€758,611.12), bl-ispejjez u bl-imghax fic-cirkostanzi jibdew jiddekorru mid-data tal-interpellazzjoni legali tal-15 ta' Settembru 2010.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------